

# Ix-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea tal-2022: Għaxar Snin ta' Sensibilizzazzjoni dwar iċ-Ċibersigurtà

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-  
Ċibersigurtà (ENISA) tnedi l-attivitajiet tal-  
kampanja ta' sensibilizzazzjoni tax-Xahar  
iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea (ECSM) u  
tħabbar ir-rebbieħa ta' tliet premjijiet tal-ECSM  
għall-aqwa filmat, l-aqwa infografika u l-aqwa  
materjal tat-tagħlim.

Għall-għaxar anniversarju tiegħu, l-edizzjoni tal-ECSM tal-2022 se tkun qed tiffoka fuq il-  
**phishing** u r-**ransomware**, b'sensiela ta' attivitajiet li se jseħħu fl-UE kollha matul Ottubru.

Il-konferenzi, is-sessjonijiet ta' ħidma, is-sessjonijiet ta' taħriġ, il-webinars u l-kwiżżijiet huma  
wħud mill-bosta attivitajiet organizzati mill-ENISA u mill-Istati Membri. L-[attivitajiet tal-kampanja](#)  
li l-utenti jistgħu jipparteċipaw fihom huma disponibbli fuq is-[sit web tax-Xahar iddedikat għaċ-  
Ċibersigurtà Ewropea](#). Sabiex tippromwovi aħjar il-materjali tal-kampanja tal-Istati Membri u turi  
l-attivitajiet tal-partijiet ikkonċernati, l-ENISA żiedet il-Premjijiet tal-ECSM mal-kampanja għall-  
ewwel darba din is-sena.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-għan tal-kampanja tal-ECSM hu li ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi u tas-  
servizzi tal-UE billi tippermetti liċ-ċittadini jaġixxu bħala firewalls umani effettivi u b'hekk jieħdu  
pass ieħor lejn soċjetà iktar intelliġenti fiċ-ċibersigurtà.

B'mod partikolari, l-edizzjoni tal-2022 tal-ECSM għandha l-għan li tilħaq lill-professjonisti ta' bejn  
40 u 60 sena mis-setturi kollha tal-ekonomija, b'enfasi speċjali fuq l-SMEs. Hija maħsuba wkoll  
għall-komunità tan-negozju Ewropea kollha kemm hi u għan-nies li xogħolhom jiddependi fuq it-  
teknoloġiji u l-għodod diġitali.

Ix-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea (ECSM) tal-2022 jaħbat mal-għaxar anniversarju minn meta tnedja għall-ewwel darba fl-2012. Issa l-kampanja hija parti integrali mill-azzjonijiet imfassla biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-Att tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà rigward is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni

Il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna, **Margaritis Schinas**, stqarr: *Ix-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea huwa attività ewlenija, parti mill-isforzi ta' għajjnuna tagħna biex iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati tal-UE jkunu sikuri online. Filwaqt li lill-UE nilqgħulha b'sensiela ta' azzjonijiet sabiex niproteġu s-sigurtà tagħha, neħtieġu ċittadini infurmati li jkunu parti mill-Unjoni tas-Sigurtà tagħna. Il-kampanja ta' din is-sena se tgħin lil kullħadd jittgħallem u jifhem kif jiproteġi l-ħajja ta' kuljum mit-theddidiet emerġenti ġodda bħar-ransomware.*

Il-Kummissarju għas-Suq Intern, **Thierry Breton**, iddikjara: *"Kulma jmur is-soċjetajiet tagħna qed isiru iktar interkonnessi, u fl-istess waqt ir-riskju marbut maċ-ċibersigurtà qed jiżdied. Wieħed mill-aqwa modi biex niproteġu lilna nfusna huwa permezz tat-taħriġ u l-litteriżmu ċibernetiku, inkluż fil-ħajja ta' kuljum. L-għan tax-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea huwa proprju dan, u wera l-valur tiegħu sew fl-aħħar 10 snin."*

Id-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA, **Juhan Lepassaar** żied jgħid: *"L-għadd ta' attacki online li jirnexxu jista' jtnaqas ferm jekk iktar nies ikunu jafu kif jidentifikawhom u jirreaġixxu għalihom. L-għan tal-attivitajiet tax-Xahar iddedikat għaċ-Ċibersigurtà Ewropea huwa proprju dan. Il-premijiet il-ġodda introdotti din is-sena se jagħtu iktar viżibbiltà u inċentiv biex jiġu żviluppati għodod u kampanji ta' għajjnuna għaċ-ċittadini tal-UE. Dan huwa pass ieħor fl-iżvilupp ta' għaxar snin tal-ECSM. Il-bini ta' Ewropa affidabbli u ċibersigura jfisser ukoll li n-negozji kollha jiġu meġġuna biex jirnexxu f'ambjent diġitali sigur."*

## II-Premijiet tal-ECSM

Il-Premijiet tal-ECSM huma inizjattiva ġdida fil-qafas tal-attivitajiet tal-kampanja tal-ECSM. Hawnhekk, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri involuti fil-proċess se jivvutaw kull sena għall-iżjed materjali innovattivi u impressjonanti prodotti għall-kampanji preċedenti tal-ECSM. L-Istati Membri ntalbu jivvutaw minn lista ta' materjali tal-kampanja li ntbagħtu għall-kompetizzjoni.

L-ENISA tifraħ lill-Istati Membri rebbieħa għax-xogħlijiet ta' suċċess tagħhom, u r-rebbieħa tal-premijiet tal-ECSM tal-2022 huma:

### L-aqwa filmat

1. Is-Slovenja: [Darko jrid jieħu lit-tfajla tiegħu għal vjaġġ](#)
2. Il-Belġju: [Il-passwords huma xi ħaġa tal-passat. Ipproteġi l-kontijiet online tiegħek b'awtentikazzjoni b'żewġ fatturi](#)

### L-aqwa infografika

L-Irlanda: [Sir l-investigatur taċ-ċibersigurtà tiegħek stess](#)

### L-aqwa materjal tat-tagħlim

Il-Greċja: [Logħbiet tal-kaċċa għat-teżor għall-iskola primarja](#)



Għall-premjijiet tal-2022, il-materjal rebbieħ se jiġi tradott bil-lingwi kollha tal-UE u se jiġi promoss mill-ġdid fl-ambitu tal-kampanja ta' din is-sena. L-ENISA qed timmira li torganizza din il-kompetizzjoni kull sena.

### **Il-phishing u r-ransomware fil-qosor**

Il-**phishing** huwa tip ta' attakk li jitwettaq f'komunikazzjoni diġitali. Il-vittma fil-mira tiġi ingannata minn aggressur li jagħmel tabirruħu li huwa affidabbli sabiex tipprovdi informazzjoni personali, *data* finanzjarja jew kodiċijiet ta' aċċess. L-uniku mod biex nilqgħu għal dawn l-attakki huwa li n-nies jingħataw is-setgħa kif ukoll l-għodod u s-suġġerimenti xierqa biex jidentifikawhom u jevitaw li jaqgħu fin-nases.

Ir-**ransomware** ġie identifikat bħala l-iktar tip devastanti ta' attakk kontra ċ-ċibersigurtà matul l-aħħar deċennju, u kellu impatt fuq l-organizzazzjonijiet ta' kull daqs madwar id-dinja. Huwa tip ieħor ta' attakk diġitali, li jippermetti lill-awturi tat-theddid jieħdu kontroll tal-assi tal-persuna jew tal-entità fil-mira u jitolbu rahan għad-disponibbiltà u għall-kunfidenzjalità ta' dawn l-assi.

### **Kuntatt**

Għal mistoqsijiet relatati mal-istampa u l-intervisti, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq [press\(at\)enisa.europa.eu](mailto:press(at)enisa.europa.eu)

